# L-Innu Popolari lil Kristu Re: ‘O Sultan u Feddej’

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt



Astratt: Fil-ktieb tal-festa 2019 kont laqqajtkom mal-Innu Popolari: ‘Kemm Inti Kbir’, li għandu melodija Żvediża u versi bil-Malti ta’ Andrew Cauchi. Għal dis-sena ħsibt li nlaqqagħkom mal-Innu Popolari lil Kristu Re: ‘O Sultan u Feddej’; versi tal-poeta Patri Mattew Sultana OFMCap (1918-1986) u mużika tas-surmast Vincenzu Ciappara (1890-1971). Bla dubju ta’ xejn, dawn huma ż-żewġ innijiet li l-aktar jindaqqu fil-jiem tal-festa titulari ġewwa Raħal Ġdid.

Kliem muftieħ: Raħal Ġdid, Paola, Kristu Re, Innu Popolari lil Kristu Re: ‘O Sultan u Feddej’, Patri Mattew Sultana, Mro Vincenzio Ciappara, University of Malta ‘Ġ.F. Abela’ Junior College, Għaqda Soċjali Mużikali ‘Kristu Sultan’ Banda Paola



Profil tal-poeta: Patri Mattew Sultana twieled ix-Xagħra, Għawdex, fil-5 t’Awwissu 1918 bl-isem ta’ Vincenzo. Ingħaqad mal-Kupuċċini fis-27 ta’ Novembru 1934 u ordna qassis fil-25 ta’ Lulju 1942. Fil-bidu tal-ħajja saċerdotali tiegħu kien kappillan f’bosta sptarijiet u għadda numru ta’ snin fil-komunità tal-Kapuċċini Kalkariża. Kien membru tal-Għaqda Letterarja tal-Kittieba Żgħażagħ u involut b’mod attiv fl-Akkademja tal-Malti bħala membru akkademiku. Kien ukoll għalliem tal-Latin u tat-Taljan, u kiteb xogħlijiet f’dal-lingwi kif ukoll f’ilsien art twelidu li tant kien iħobb sa minn ċkunitu.



Bosta huma x-xogħlijiet letterarji tiegħu ta’ xeħta reliġjuża, fosthom il-ktieb f’għamla ta’ poeżiji ‘Il-Ħajja tal-Patrijarka San Franġisk t’Assisi’ (1951), ġabra kbira ta’ poeżiji ‘Ħsieb u Ħajja’ (1955), il-leġġenda ‘Il-Faqar ta’ Ġesù Kristu u l-Leġġenda tal-Għasfur’ (1958), ir-rumanz ‘Id-Destin ta’ Mħabba’ (1959), u d-damma ta’ poeżiji ‘Tliet Għanjiet u Weraq u Ward’ (1970).

Bħala poeta kiteb ukoll għadd t’innijiet popolari, b’uħud minnhom jiġu mitbugħin f’ġurnali u rivisti lokali, u oħrajn immużikati, fosthom dal-Innu Popolari lil Kristu Re: ‘O Sultan u Feddej’. Patri Mattew miet fis-17 ta' Frar 1986. Kemm l-iskola primarja tax-Xagħra, Għawdex, kif ukoll triq fil-Kalkara, huma msemmijin għalih.



Profil tal-kompożitur: Mro Vinċenzu Ciappara (6.xi.1890-29.vii.1979): Tgħallem il-mużika fl-‘Istitut Pawlin Vassallo’, u taħt is-surmastrijiet Diacono (1876-1942) u Doncich (1867 [Trieste]-1944). F’żogħżitu kien vjolinist/vjolist mal-orkestra tat-Teatru Rjal u l-orkestra t’Anton Nani (1842-1929). Ġieli kien jagħmilha wkoll ta’ *maestro di cappella* tal-Katidral ta’ Malta. Ciappara kien iħabbat m’għadd ta’ baned Maltin: *Marija Annunzjata* (Ħat-Tarxien); *De Rohan* (Ħaż-Żebbuġ); *La Vittoria* (Mellieħa); *Prince of Wales* (Birgu); *King’s Own* (Il-Belt Valletta); *Konti Ruġġieru* (Rabat, Malta). Ġieli dderieġa ż-żewġ baned Għawdxin. Bħala

kompożitur tal-marċi brijużi, Ciappara hu magħdud bħala l-pijunier tagħhom. Ikkompona wkoll marċi funebri u reliġjużi, innijiet, kif ukoll mużika sagra u profana. Skont Grech[1], f'xogħlijietu: "Tispikka l-organizzazzjoni ritmika, l-istrumentazzjoni mimlija, u l-linja melodika li kien juża hi waħda mill-aktar ferrieħa."

Ciappara kiteb ukoll bosta innijiet ta' kull xorta, fosthom popolari, biex jindaqqu mill-baned Maltin. Wieħed minn dal-innijiet huwa proprju dedikat lil Kristu Re: 'O Sultan u Feddej', li iżda m'għandix id-data ta' meta seta' nkiteb u għal-liema okkażjoni; b'ismu jittieħed mill-vers tal-bidu.




Dal-Innu Popolari ġie mmużikat fuq versi tal-poeta Għawdxi u fih is-soltu 16-il battuta; tmienja għall-istrofa, u l-kumplament għar-ritornell. Dan ifisser li l-Innu għandu forma binarja (A+B), fejn kull taqsima, jew sentenza mużikali, tinqasam f'erba' frażijiet ugwali, li lkoll jibdew *in aria*, jiġifieri fuq ir-raba' kwart tal-battuta; l-Innu għandu temp ordinarju t'erba' semiminimi bħala sinjal ta' miżura.

Karatteristika ewlenija hi l-użu tas-sinkopat, fejn l-aċċent jersaq minn fuq l-ewwel għat-tieni taħbita. Il-frażijiet fl-istrofa għandhom kollha mill-istess linja melodika u disinn ritmiku, filwaqt li dawk tar-ritornell, ivarjaw l-waħda mill-oħra f'dak li għandu x'jaqsam ma' dewmien in-noti. Fir-ritornell ukoll, insibu li għandna żewġ vuċijiet, li jirrendih aktar ħlejju minn qatt qabel. B'mod ġenerali, l-Innu, immarkat fit-temp ta' *Andante Maestoso,* u li għandu melodija mill-aktar sempliċi u mexxejja, jirreplika ruħu għal tliet darbiet peress li fuqu jridu jitgħannew tliet strofi. L-Innu għandu wkoll is-soltu introduzzjoni strumentali, magħmula mill-istess materjali li nsibu fl-istrofa.

Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)

[1] Grazio Anton Grech: 'Mużiċisti, Kompożituri Għawdix, Maltin u Barranin' (Għawdex, 2006), p. 29.